MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 44/2015

**GO p.l.c**
**C 22334**

**Vs**

**Alfred Barbara**
**ID 561346**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Jannar, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€664.32) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40160050 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prsopett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali ta' Malta.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' sitt mija u erbgha u sittin ewro u tnejn u tletin centezmu (€664.32) bl-imghax mid-data tal-prezentat sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u drittijiet tal-kawza, jkunu a karigu tal- konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------